# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

Numru 66

Jannar - Frar 2005

BirdLife MALTA



# x'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| aħbarijiet | 3 |
| attivitajiet | 3 |
| x'għandna mid-dinja? | 4 |
| il-kapinera | 5 |
| Ħotspots - Costa Rica | 6 |
| gallerija | 7 |
| Tritoni | 7 |
| Falko | 8 |
| tiSKARTax | 9 |
| djarju berdwoċer | 10 |
| ittra | 10 |
| biex niċċajta | 10 |
| midd idejk | 11 |
| daħħal membru | 11 |
| ktieb ġdid | 12 |




# Ħej Ħbieb!

Ftit ilu kitibli membru u qalli: "Dan kif intom tal-BirdLife titkellmu kontra l-kaċċa u ma tgħidu xejn kontra min jiekol il-laħam?"

It-tweġiba hija sempliċi. Il-BirdLife mhijiex kontra min jiekol il-laħam, imma kontra min joqtol għall-gost. M'għandix dubju li ħafna membri tal-BirdLife huma wkoll veġetarjani (anke jien), imma xogħol il-BirdLife huwa li teduka kontra dawk il-vizzji, fosthom il-kaċċa, li fihom l-annimali imutu jew isofru għalxejn b'xejn.

Li għasfur toqtlu biex tagħmlu statwa (tibbalzmah) u żżejjen bih fil-vetrina, għalina hija ħela ta' ħajja, u mhix skuża tajba biex għasfur toħodlu ħajtu.

Li għasfur toqtlu meta taf li r-razza tiegħu qed tisparixxi minn wiċċ id-dinja, għalina huwa egoiżmu.

Li għasfur toqtlu meta dan sejjer biex jagħmel il-bejta, għalina hija injoranza u ġenn.

Li għasfur taqbdu mill-kampanja biex iżżommu priġunier ġo gaġġa jew guva, għalina hija moħqrija.

Naħseb tifhmu li dawn l-affarijiet m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' l-ikel li nieklu!



Victor

**Victor Falzon**
l-editur

**KOMPETIZZJONI 65**
Ir-rebbieħa ta' Komp 65 hija MELANIE AZZOPARDI minn Ħad-Dingli. Prosit Mel, il-kartolini daqt ikunu għandek. Kompetizzjoni did-darba m'għandniex. Skużawna...



Denis Cachia

Ritratt sabiħ li ħa sehibna Denis. In-narċis (*Narcissus tazetta*, narcissus) hija pjanta sabiħa immens bi fjura tispikka għax tikber f'bukketti u tfuħ ħafna. B'xorti ħażina, dan il-ġmiel u din il-fwieħa huma l-kawża ta' ħafna qtugħ ta' narċis mill-kampanja. Illum dil-fjura m'għadhiex komuni bħal dari. F'xi nħawi ta' Malta, in-narċis jgħidulu ranċis.


**kumitat klabb ħuttaf**

Jason Aloisio, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Sylvia Falzon, Victor Falzon, Justin Vassallo



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin il-huttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skopijiet kummerċjali, sakemm jissemma' l-isem **Il-Ħuttafa** u sakemm tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta, Jannar 2005
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon. Ritratt tal-faċċata: Denis Cachia
Films: Pixel Services. Stampat: Poulton's Print Shop


Klabb Ħuttaf

**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xaharejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt xi attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.**

# Ġew l-imnaqqxin!



Fis-17 Diċembru 2004 l-Għadira niżlu 3 borok ta' speċi li f'Malta rarissmu tidher: is-**sarsella mnaqqxa** (marbled duck *Marmaronetta angustirostris*). Il-berdwoċers li niżlu jarawhom damu s-sigħat jitpaxxew bihom jgħumu u jaħtfu l-insetti minn wiċċ l-ilma. Imma konna wkoll beżgħanin li jindunaw bihom xi kaċċaturi u jippruvaw jidħlu għalihom.

Din kienet biss il-ħames darba li dehret f'Malta din l-ispeċi, għalkemm f'pajjiżi ġirien bħat-Tuneżija, is-sarsella mnaqqxa tbejjet f'numri mhux ħażin f'għadajjar ta' l-ilma ħelu.



Edward Bonavia



Ray Galea

Ritratti li ġibdu tnejn mill-berdwoċers, li ħaduhom bil-kameras imwaħħlin mat-teleskopju, waqt li kienu fil-ħajd ta' l-Għadira. It-temp kien imsaħħab u b'xita qawwija, imma dik id-dabra skura wara l-għajn ġiet tidher sew.

## Tlaqna nħawlu!



**Foresta 2000** għaddejja ġmielha! Diġà ħawwilna eluf ta' siġar, u min jaf x'daqsxejn ta' bosk ħa jkollna la jgħaddu mqar 10 snin oħra!

L-idea li nagħmlu dil-foresta ħarġet proprju minn Klabb Ħuttaf, u għalhekk xieraq li kultant immorru nħawlu xi ftit siġar aħna wkoll!

Għalhekk ejjew niltaqgħu flimkien ħalli mhux biss naraw il-proġett kif inhu ġej, imma kif inkunu hemm immiddu ftit idejna! Imbagħad jekk ikun baqa' ħin, immorru passiġġata...

Data: **Il-Ħadd 27 Frar 2005**
Ħin: **9am**
Niltaqgħu: ħdejn it-**Torri l-Aħmar** (fuq l-għolja tal-Marfa)
Nispiċċaw: **xi nofsinhar**
Età: **kulħadd** (u ġenituri merħba!)

## Tlaqna nimxu!



Fuq talba ta' ħafna membri, il-mixja "t-twila" (li s-soltu nagħmluha sena iva u sena le) dis-sena qbilna li nagħmluha wkoll!

Din mhux biss **mixja twila** u sabiħa fil-kampanja, imma bis-saħħa tagħha l-klabb jiġbor flus għal xi proġett minn tal-BirdLife. Dis-sena bil-flus li niġbru nixtiequ nixtru ġeneratur għall-Bird-ringing Station li qed nagħmlu fuq Kemmuna, li ħafna minnkom żaruh diġà.

Biex tieħdu sehem, użaw l-isponsorsheet li għandkom ma' dil-ħarġa tal-magażin. Fiha niżżlu l-isem ta' min ikun takom xi ħaġa tal-flus u kemm ikun takom. Fuq wara tal-karta għandkom mappa tar-rotta. Għandkom iktar dettalji fuq il-karta stess.

Data: **Il-Ħadd 20 Marzu 2005**
Ħin: **8.30am**
Niltaqgħu: quddiem il-**Villa Rumana** (ir-Rabat)
Nispiċċaw: **xi nofsinhar**
Età: **kulħadd!** (u ġenituri, aħwa, ħbieb eċċ: kulħadd merħba, basta lest li jimxi!)
Ġibu: l-isponsorsheet u xi flus li tiġbru; xi ħaġa x'tieklu u x'tixorbu, imma titgħabbewx wisq. Użaw basket tad-dahar ħalli idejkom tkunu tistgħu tbandluhom fil-mixi!



# Makakk moħbi!



Fl-Indja sabu speċi ġdida ta' xadin. Kif jista' jkun f'pajjiż ta' biljun (1000,000,000) ruħ għadek issib annimali ġodda?

Sabuh jgħix fl-Arunachal Pradesh, reġjun fil-muntanji Ħimalajas. Ix-xadin semmewh **Arunachal Macaque**. Il-makakk huma xadini kemxejn kbar; fid-dinja jeżistu xi 20 speċi ta' makakk, u kważi kollha jgħixu fl-Asja.

Għalkemm dax-xadin huwa ġdid għax-xjenza, in-nies tal-lokal ilhom jafu bih, u jgħidulu MUN ŻALA, li tfisser xadin tal-foresti folti. Għalhekk l-isem xjentifiku li ngħata dan l-annimal huwa *Macaca munzala*.

B'xorti tajba n-nies ma jaqbduhx dan l-annimal. Anzi l-gvern lokali ħoloq riserva naturali kbira fl-inħawi jisimha Tsangyang Gyatso Biosphere Reserve.




Bil-Malti, il-kelma MAKAKK nużawha wkoll għal xi ħadd li jilħaqlu. Fil-fatt dil-kelma ġibnieha proprju mis-sens tal-makakk xadin, għax ix-xadini annimali intelliġenti! Ed.

# Ajkla Ajklun!

Sa 700 sena ilu, fi New Zealand ma kienx hemm mammiferi, ħlief xi friefet il-lejl. Kienet art dominati minn 250 speċi ta' għasafar, li ħafna minnhom kienu jgħixu hemm biss. L-iktar wieħed famuż tafu bih: il-kiwi. Imma hemm ħafna oħrajn, u l-ikbar fosthom kien il-**moa**, għasfur enormi li llum m'għadux jeżisti għax qerduh in-nies.




Issa dan l-aħħar fi New Zealand ukoll sabu għadam ta' ajkla li mid-dehra kienet l-ikbar tajra tal-priża li qatt eżistiet fid-dinja. Kellha medda ġwienaħ ta' xi 300ċm, u kienet tiżen sa 14kg, toqol kbir meta tiftakar li dan kien għasfur li jtir. Din l-ajkla wkoll għosfrot xi 500 sena ilu.

Bilħaqq, tafu x'kienet tiekol din l-ajkla ġganteska?

Ħeqq, moas!




Din l-ajkla ġganta jgħidulha **Haast's Eagle**

# DUNDJAN POWER!!!



Il-pawer stejxins tagħna jaħdmu biż-żejt, bħal ħafna pawer stejxins fid-dinja. Oħrajn jaħdmu bil-faħam, u oħrajn bil-gass. Issa tistgħu timmaġinaw pawer stejxin li taħdem... bil-ħmieġ tad-dundjani!?!?!?!

Hekk hu, u din mhix ċajta! Kumpanija Amerikana f'Minnesota għadha kemm nefqet $200 miljun biex bniet impjant tad-dawl li se jiġġenera 55mW, jiġifieri enerġija biżżejjed għal 55,000 dar! Din il-pawer stejxin se tkun taħraq 700,000 tunellata ħmieġ tad-dundjani fis-sena, ħmieġ li s-soltu jintrema fil-miżbliet. Aħbar tajba hi li dan l-impjant ma jarmix dħaħen li jniġġsu, u aħbar tajba oħra hija li l-fdalijiet mill-materjal li jinħaraq isir fertilizzant tal-ħamrija.

# il-Kapinera

Mark Anthony Falzon

Fix-xhur tax-xitwa l-għasafar li naraw madwarna huma ta' żewġ tipi. Hemm dawk li jbejtu Malta u jibqgħu hawn is-sena kollha. Dawn insejħulhom *residenti*. Imbagħad hemm l-għasafar li ma jbejtux hawn imma li jqattgħu x-xitwa fil-klima moderata tal-Mediterran. Peress li fil-pajjiżi Nordiċi jagħmel ħafna ksieħ u silġ, dawn jiġu hawn biex isibu l-ikel u l-kenn. Fost dawn insibu l-kapinera.



Il-kapinera fil-fatt hija waħda mill-aktar speċi komuni ta' għasafar 'tax-xitwa'. Tibda tpassi f'numri żgħar minn Settembru u tiżdied iktar ma tidħol ix-xitwa. In-numri jvarjaw minn sena għal sena. Per eżempju, meta tiġi xitwa kiesħa ħafna fl-Ewropa, hawn Malta jkun hawn iktar għasafar tax-xitwa. Għal nofs Marzu, il-kapinera tibda tpassi lura lejn in-Nord biex tbejjet, u sa nofs April ikunu telqu kważi kollha. Minn studji li saru jidher li l-kapinera spiss terġa' lura fl-istess post xitwa wara xitwa.

Il-kapinera hija għasfur żgħir, ftit iżgħar minn għasfur tal-bejt. Hija ta' lewn griż minn fuq u abjad maħmuġ minn taħt. Fuq rasha għandha bħal kappell. Tar-raġel ikun iswed tuta (għalhekk jgħidulha *kapi-nera = ras sewda*) u tal-mara tkun kannella. Ir-raġel jixbaħ xi ftit lill-bufula sewda imma l-kapinera tkun ikbar, denbha iqsar, u r-rix iswed ma jgħattix rasha kollha imma jibda minn fuq għajnejha. Il-Kapinera għandha diversi għajtiet imma l-iktar waħda komuni qisha *ċukk* qasira. Għandha wkoll għanja melodjuża li spiss nisimgħuha, l-aktar f'xi ġurnata xemxija.

Waqt li tkun Malta, il-kapinera tiekol ħafna frott. Dan fih ħafna enerġija u għalhekk jipproteġi kontra l-kesħa. Il-frott favorit tal-kapinera huwa dak tal-liedna (= ivy), imma tħobb ukoll il-bajtar tax-xewk u l-frott ta' l-għeneb id-dib (= black nightshade). Tant tiekol frott il-kapinera li spiss rixha jkollu tbajja' vjola fuqu, l-aktar madwar il-munqar! F'postijiet fejn tikber ħafna liedna, bħal per eżempju l-Buskett u San Anton, jinġabru numri kbar ta' kapineri.

L-aħjar mod biex tgawdi dan l-għasfur hu li ssib ġurnata xemxija bejn Jannar u Marzu, toqgħod għall-kwiet fuq bank f'San Anton, u tgħaddi sagħtejn titpaxxa bl-għana meraviljuż tal-kapinera ħiereġ minn kull roqgħa liedna.




bl-ingliż **BLACKCAP**
isem xjentifiku ***Sylvia atricapilla***

# Costa Rica

Alison Buttiġieġ tikteb dwar l-aqwa postijiet fid-dinja naturali.




Huwa pajjiż żgħir fl-Amerka Ċentrali - fuq il-pont art li jgħaqqad l-Amerka ta' Fuq ma' l-Amerka t'Isfel. Għalkemm fih biss 0.03% mill-medda tad-dinja, f'dal-pajjiż jgħixu 5% ta' l-ispeċi tal-flora u fawna tad-dinja. Din hija l-ikbar konċentrazzjoni ta' biodiversità fuq il-pjaneta. Sal-lum jafu b'iktar minn nofs miljun speċi, imma baqa' ħafna iktar x'jinstab!

Hemm 'il fuq minn 850 speċi ta'għasafar - għasafar famużi bħall-**pappagalli**, **tukani** u **hummingbirds**, oħrajn kurjużi, bħall-**umbrellabird** b'umbrella tar-rix fuq rasu u t-**three-wattled bellbird** b'għajta QWONNK! metallika li tinstema' minn kilometri bogħod. Interessanti wkoll huma r-**resplendent quetzal** b'kulur aħdar vivaċi b'denb tliet darbiet daqsu, u s-**sunbittern** li meta jinħasad jiftaħ ġwinħajh li fihom disinn ta' għajnejn kbar.

Il-ġungli mfawrin bil-ħajja... **xadini** jilagħbu fis-siġar, għajnejn ta' ħafna rettili u amfibji jżebbġu mill-moħbiet, **friefet** il-ġmiel tagħhom, qtates slavaġ bħal **pumas** u **ġagwari**, viżibilju ta' insetti, pjanti, fungi u orkidi jikbru mas-siġar. Il-lista ma tispiċċa qatt!




Il-kurżitajiet ma jonqsux: il-**hercules beetle** - ħanfusa ta' 15ċm bil-qrun; il-**poison-dart frog** - żrinġ daqs difer, ikkulurit u velenuż; il-**glass frog**, żrinġ trasparenti; il-**jesus christ lizard**, jgħidulha hekk għax tiġri fuq wiċċ l-ilma, **friefet il-lejl** li jagħmlu t-tined minn weraq biex jistkennu taħthom; u l-**leafcutter ants**, nemel bdiewa li jaqtgħu l-weraq u joħduh taħt l-art biex fuq jitrabba fungu li mbagħad jikluh.




Ir-raġunijiet għal din il-biodiversità kollha huma varji - il-fatt li l-Costa Rica tinsab bejn żewġ kontinenti, il-klima sħuna u umda, il-ħafna ħabitati, u l-fatt li 'il fuq minn kwart tal-pajjiż huwa protett (iċ-ċapep skuri li hemm fil-mappa) u jsir sforz kbir mill-awtoritajiet biex iħarsu dal-wirt naturali kollu.



galleria galleria galleria galleria



**avultun prim**
jean pierre bugeja 9



**arpa**
andy attard 8



**agrett abjad**
daniel cassar



**farfett**
kurt schembri 12



**gardell**
mark anthony farrugia 10



**garnija**
ryan muscat 9



**daqquqa tat-toppu**
thomas sciberras 10



**alwetta**
michael vella 6



**gamiema**
bernice schembri 13



**venewwa**
louanne camilleri 12

## kreaturi mill-ħrejjef Griegi

Sean Caruana Webster



Sean Caruana Webster

# Tritoni

Skond il-mitoloġija Griega, it-tritoni kienu nofshom irġiel u nofshom denfil jew ħuta.

It-tritoni kienu t-tfal ta' Poseidon (l-alla tal-baħar) u Amfitrite, u kienu jgħixu f'palazz tad-deheb f'qiegħ il-baħar. Uħud minnhom, barra denb ta' ħuta, kellhom ukoll par saqajn taż-żwiemel, li bihom kienu kapaċi jimxu fuq l-art. Dawk li kellhom is-saqajn kellhom natura selvaġġa u distruttiva. Kienu jaħarqu kull ma jsibu u jkissru kollox.

Bħala ulied l-alla ta' l-ibħra, it-tritoni wkoll kellhom setgħa fuq il-baħar. Kienu jonfħu minn ġo qoxra kbira u rrumblata ta' bebbuxu tal-baħar, u skond il-ħoss ikunx qawwi jew ġentili kienu jordnaw lill-baħar jitqalleb jew jikkalma.

Kważi xejn m'hemm stejjer miktubin dwar it-tritoni, imma nafu li anke barra mill-Greċja kien hemm ġnus, fosthom il-Feniċi, li jqimu kreaturi simili.

---

Anke f'Malta jeżistu t-tritoni... għandna tlieta enormi qed jerfgħu plattin fuq rashom: il-funtana sabiħa li hemm fid-daħla tal-Belt! Ed.

**Ibagħtulna t-tpinġijiet tagħkom!** (basta mhux pets u annimali domestiċi). Tinsewx isimkom, l-età u isem l-annimal jew pjanta

# FAL

## Żgħażagħ BirdLife Malta



## Ħbieb Falkuni!

DEGRADABBLI x'jiġifieri? Huwa materjal li fi ftit żmien (xi 5-10 snin) jitfarrak u jsir biċċiet żgħar. Dak kollox.

BIO-DEGRADABBLI, mill-banda l-oħra, huwa materjal li mhux biss jitfarrak, imma jikluħ organiżmi żgħar. B'hekk ma jkun fadal xejn mill-materjal oriġinali. Il-weraq, per eżempju, huwa biodegradabbli għax jitfarrak, jittiekel minn bakterji u fungi, u jinbidel f'sustanzi importanti għall-ħamrija.

Mela dal-basktijiet tal-plastik degradabbli x'inhuma? Huwa tip ta' plastik li jitfgħulu kimika biex wara ftit snin jitfarrak f'biċċiet żgħar ħafna. Il-problema hi li dak il-frak, żgħir kemm hu żgħir, XORTA plastik se jibqa'... għall-elf sena li ġejjin. U l-problema li l-plastik qed joħloq fl-ambjent flok inkunu solvejnieha, inkunu dfinnieha u ħbejnieha. Taparsi mhix hemm. Imbagħad wara kollox, dak il-plastik probabbli jispiċċa jinħaraq. Jiġifieri l-ħsara l-istess eżatt se tibqa'. It-taxxa biss




hija differenti. Borża tal-plastik normali fiha 6ċ taxxa, u waħda ta' plastik degradabbli 1ċ.

Din x'edukazzjoni hi? Il-boroż tal-plastik imissna naqtgħuhom għax il-ħela ħażina minn kull aspett. Il-plastik (ħlief dak li huwa vera biodegradabbli) huwa kollu ħażin għall-ambjent, għax in-natura m'għandhiex biex tkissru.

Għalhekk, ħbieb, il-plastik fejn tistgħu evitawh. Ħuduha drawwa, kull meta toħorġu mid-dar, itfgħu basket tax-xoqqa jew tad-drapp fil-but. U jekk sejrin tixtru xi ħaġa aktar goffa, ħudu l-basket ta' l-iskola . Mela x'inhu! Dak komdu u jesa' tgħidx kemm. Titfa' fih jeans, ġersi anke żarbun bil-kaxxa b'kollox! F'ħafna pajjiżi ta' l-Ewropa din saret normali, u fit-toroq tara ħafna nies jixtru bil-basket ma' daharhom. Malta għad iridu nitgħallmu. Issa għidu s-sew - ma tħossukomx kburin jekk intom tkunu l-ewwel Maltin li tibdew tagħmlu dan?

Saħħiet!

justin

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur Falko

## Ħajks bil-Lejl



Għandna żewġ night hikes maħsubin għall-ġimgħat li ġejjin. Id-dettalji...

**Data 1**: Sibt-Ħadd 26-27 Frar 2005.
**Data 2**: Sibt-Ħadd 26-27 Marzu 2005
**Niltaqgħu:** 7.15pm f'Bieb il-Belt (fejn tal-ħalib) jew 8pm il-venda tar-Rabat.
**Fejn sejrin?** Fejn jeħodna r-riħ.. :-)
**Età**: FALKO (13yr+)



Dan huwa l-famuż **Granċ ta' l-Ilma Ħelu** (*Potamon fluviatile*), li kif juri ismu, ma ssibux f'xatt il-baħar, imma f'postijiet fejn hemm nixxiegħat ilma ħelu s-sena kollha - ambjent rarissmu f'pajjiżna. Post hekk huwa l-Baħrija, u dar-ritratt bagħatulna Matthew Spiteri, membru tal-Klabb, meta dan l-aħħar niżel s'hemm bil-kamera. Prosit Matthew (anzi aħna r-ritratt rajnieh bil-kulur!)

# SKART

Elisabeth Conrad

Waħda mill-ikbar problemi ambjentali fid-dinja hija dik tal-iskart. Il-bniedem jiġġenera muntanji ta' skart kuljum u dan x'imkien irid jintrema! Bniedem Ewropew jipproduċi madwar 540kg ta' skart fis-sena... Meta nqisu kemm hawn nies u żżid l-iskart li jipproduċu l-industriji, nindunaw li għandna problema kbira! Issa nżidu l-ispejjeż biex jinġarr l-iskart, il-problemi ta' tniġġis u l-fatt li kull darba se nerġgħu nużaw riżorsi naturali biex nagħmlu prodotti ġodda! Għalhekk qabel narmu, tajjeb nikkonsidraw dawk li jissejħu it-tliet Rs ta' l-iskart: **REDUCE**, **REUSE** u **RECYCLE**. X'ifissru dawn it-tlieta?



Victor Falzon

## REDUCE NAQQAS

Meta nnaqqsu l-iskart nużaw inqas riżorsi naturali, inqas enerġija, innaqqsu t-tniġġis u naħlu inqas art għall-miżbliet. Din għandha tkun l-ewwel għażla fejn hu possibli. Li nnaqsu l-iskart huwa forsi l-iktar mod faċli biex ngħixu ħajja li tirrispetta l-ambjent.

Meta mmorru f'ħanut m'hemmx għalfejn li għal kull ħaġa li nixtru rridu nitolbu borża. Anke jekk tal-ħanut stess tahielna b'xejn, ngħidulu bi tbissima: "Le grazzi, iffranka ftit skart!" Kollu packing għalxejn ikun, għax mument wara, dik il-borża ħa narmuha.



## REUSE ERĠA' UŻA

Jekk prodotti jkunu għadhom tajbin għandna nerġgħu nużawhom flok narmuhom mill-ewwel, u nibqgħu nużawhom sakemm veru jispiċċaw. B'hekk niffrankaw riżorsi ġodda, tniġġis eċċ.

Jekk flok reċipjenti li jintremew nużaw reċipjenti li jinħaslu u jerġgħu jintużaw, tant aħjar. Għandna dejjem nużaw prodotti magħmulin minn materjal b'saħħtu. Il-BirdLife għalhekk tbigħ basktijiet tax-xoqqa, għax b'saħħithom immens u donnhom ma jispiċċaw qatt! Meta fis-sajf immorru barbikjus għandna nevitaw platti u frieket disposable, u nużaw dawk li nużaw id-dar.

Min ivvinta affarijiet bħal disposable cameras (li jintużaw darba) imissu tassew jistħi!




## RECYCLE IRRIĊIKLA

It-tielet pass huwa ir-riċiklaġġ. Ir-riċiklaġġ jinvolvi l-użu ta' skart li jintgħażel u jinhadem mill-ġdid biex jerġa' jintuża fi prodotti oħra. Nistgħu nirriċiklaw diversi affarijiet bħal ħġieġ, karti, metall, ċerti tipi ta' plastik, żjut u anke partijiet ta' kompjuters. Meta jsir ir-riċiklaġġ veru li tintuża l-enerġija biex jitħaddmu l-magni biex jipproċessaw l-iskart, imma għall-inqas tkun qed tnaqqas ħafna użu ta' riżorsi ġodda.

Per eżempju, nistgħu nagħmlu proġetti l-iskola biex niġbru l-karti għar-riċiklaġġ, flok narmuhom ma' l-iskart normali - aħsbu ftit l-iskejjel kemm jaħlu karti. Nistgħu nagħmlu l-istess għall-ħafna affarijiet oħra bħal batteriji użati u cartridges tal-printer. U dejjem għandna nheġġu lill-ġenituri tagħna biex jagħmlu compost bin id-dar (jekk għandna fejn) biex anke skart tal-kċina nibdluh f'kompost għall-ġnien u b'hekk ukoll innaqsu l-iskart.

**Bi ftit sforz ilkoll kemm aħna nistgħu nagħmlu ĦAFNA differenza.**

# mid-djarju tal-berdwoċer

Jason Aloisio

## novembru

Fix-xhur ta' Novembru u Diċembru spikkaw l-għasafar tax-xitwa, bħall-**fjamma sewda**, il-**vjolin tax-xitwa**, l-**isturnell** (b'qatgħa ta' xi 15,000 fl-ajruport), il-**bulebbiet**, il-**psiepes** u z-**zakak abjad**. Fir-riservi kellna xi speċi ta' glalez, fosthom it-**tiġieġa tal-baħar** u l-**gallozz tax-xitwa**. Fuq il-baħar intlemħu l-**imragen**, is-**sul** u xi speċi ta' gawwi, l-aktar il-**gawwija rasha sewda**, il-**gawwija rasha kannella** u anke **gawwija żgħira**. Kien hemm ukoll pases żgħar ta' **kuluverti**, **silfjuni**, **silfjuni Ewropej** u **palettuni**. Dehru xi qtajjiet ta' **graw**, **pluvieri** u **venew** fi nħawi differenti. Għalkemm barra minn żmienhom, intlemħu anke ftit **ħuttaf** u **ħawwief**. Barra l-i**mlievez** kellna għadd żgħir ta' **mlievez tas-sidra**. Daħal rekord ta' **agrett tal-bhejjem**, 3 **imragen tat-toppu** u **margun** tar-razza Marokkina. Is-sorpriza tax-xahar kienet **ajkla tal-kalzetti** li niżlet taħt it-Torri l-Aħmar, ħdejn l-Għadira.

margun tat-toppu



## diċembru

Diċembru kien xahar kwiet iktar minn ta' qablu, ħlief għall-għasafar tax-xitwa u għal xi ċaqliq fuq il-baħar. Ma' l-għasafar tas-soltu fl-Għadira żdiedu **monakella żgħira** u **pluverott**. Kien hemm ukoll sa erba' **tiġiġiet tal-baħar**. Fis-Simar kien hemm xi żewġ **buful qastni** u sa tmien **tiġiġiet tal-baħar**, flimkien ma' ftit **glalez tax-xitwa**. Fil-bajja mbagħad kien hemm għal xi żmien tliet **blonġuni primi**. Fuq il-baħar dehru ftit qtajja' **palettuni**, **kuluverti tas-salib** u **silfjuni Ewropej**, flimkien ma' **ċirlew tax-xitwa** u **ċirlew prim**. F'postijiet adattati kien hemm i**mlievez suwed** u **malvizzuni tal-qtajja'**, numru żgħir ta' **durrajs** u għasafar ta' l-għana, **buful tal-qamar** u **buful tax-xemx**. Intlemħet ukoll **arpa** (l-ewwel waħda li qatt dehret f'Diċembru) u reġa' deher ftit **ħuttaf**. Fis-17 tax-xahar l-Għadira mtliet berdwoċers biex jaraw 3 **sarselliet imnaqqxa** (speċi rarissma) li damu hemm jum sħiħ (ara p3).

L-ismijiet ta' l-għasafar qegħdin skond iċ-**Checklist of the Birds of Malta** li ħarġet il-BirdLife dan l-aħħar. Għal kopja tal-ktejjeb bil-posta ibgħat 45ċ (ċekk jew bolli mhux użati) lil **BirdLife Malta 57/28Triq Rigord Ta' Xbiex MSD12**, jew aqbeż qabża sa l-Għadira fi tmiem il-ġimgħa u ixtrih (30ċ) minn hemm.

# Alwettu jew Alwetta?

**Sur Editur,**

**Jien għandi 15-il sena u dilettant ħafna ta' l-għasafar. Xi xaharejn ilu dħalt membru magħkom biex nikseb aktar informazzjoni dwar l-għasafar.**

**Bejn Settembru u Diċembru u bejn Marzu u April inqatta' ħafna ħin l-għalqa bit-tromba nosserva l-għasafar, bħal sofor, alwett, zizka, pitirrossi, buful, sturnell u xi drabi anke xi malvizz jiġu viċin. Imma qatt ma rnexxieli nagħraf l-alwett u l-imlievez jekk ikunux mara jew raġel. Lanqas fil-kotba ma sibt din l-informazzjoni. Nixtieqkom tagħtuni xi ħjiel fuq dan, u nixtieq ukoll li meta tippublikaw il-magażin tagħtu tagħrif dwar dawn l-affarijiet.**



**Christopher Dalli**
**Ħal Tarxien**

*Għażiż Chris,*

*Ħadt gost ħafna naqra l-ittra tiegħek, u f'qalbi għedt: Dan berdwoċer akkanit! L-għasafar li semmejt huma kollha speċi komuni li naraw fil-pases u fix-xitwa, u kliemek ikompli juri kemm mhux veru dak li jaħsbu ħafna nies, li Malta ma jiġi xejn. U mit-tpinġija li bgħattilna, jidher li għandek ukoll id-daqqa ta' l-artist!*

*Għall-mistoqsija tiegħek però ma tantx se nagħtik sodisfazzjon! Ħafna għasafar faċli tagħraf is-sessi minn xulxin, imma hemm speċi oħrajn impossibli tagħmel dan. L-alwett u l-imlievez huma fost dawn ta' l-aħħar, u għalhekk il-kotba ma jgħinukx. Jien staqsejtlek lill-ħabib tagħna Joe Sultana, li huwa l-ikbar espert ta' l-għasafar li hawn Malta, u qalli li impossibli tagħrafhom.*

*Rigward tagħrif fuq l-għasafar, aħna tista' tgħid f'kull ħarġa nagħtu ħarsa lejn speċi differenti ta' għasafar, fil-paġna 5 li jisimha Nittrumbjaw Fuq...*

*L-Editur*



biex niċċajtaw...




# Fishy CD

## Għandek bżonn

• żewġ CDs qodma • fdal ta' kartonċin • 2 għajnejn jiċċaqalqu • kolla • xlief jew spaga • mqass

## Kif tagħmel

1 Mill-karti, aqta' forom ta' xofftejn, denb, xewk taż-żaqq u żewġ xewkiet identiċi tad-dahar (għalissa warrab waħda mix-xewkiet tad-dahar).
2 Inkolla x-xofftejn, ix-xewk u d-denb ma' waħda mis-CDs (naħa tal-kitba) (Fig 1).
3 Aqta' metru xlief jew spaga - agħmel għoqda fit-tarf. Għaddi linja kolla mit-toqba f'nofs is-CD sa tarf ix-xewka tad-dahar. Poġġi x-xlief fuq il-kolla b'mod li l-għoqda tiġi fit-toqba (Fig 2).
4 Inkolla x-xewka tad-dahar (li kont warrabt) fuq l-oħra biex b'hekk tgħatti x-xlief.
5 Dellek is-CD bil-kolla u waħħal is-CD l-oħra preċiż fuqha. Qis li twaħħal flimkien in-naħat tal-kitba.
6 Waħħal għajn fuq kull naħa tar-ras (Fig 3).
7 Għax-xewka tal-ġenb aqta' karta 12x15ċm. Itwiha lura u 'l quddiem bħal imrewħa (Fig 4).
8 Għaddi l-karta mitwija mit-toqba tas-CD (Fig 5).
9 Fettaħ it-truf biex jiġu qishom żewġ imrewħiet żgħar (Fig 6), u żid ftit kolla fit-toqba tas-CD biex il-karta teħel.
10 Dendel il-ħuta lesta fejn tixtieq!

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**
- **10 punti fil-Ħuttafattiva**



Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf...
Tiħom kopja ta' dil-formola biex jimlewha...
Imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess...
Ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

isem u kunjom ____________________

indirizz ____________________

____________________ postcode

data tat-twelid __________ telefon __________ imejl __________

liema skola jattendi ____________________

**Dettalji tiegħek stess**

isem u kunjom ____________________

indirizz ____________________

____________________ postcode

membership number __________ telefon __________ imejl __________

liema skola tattendi ____________________

Ibgħat kollox lil **BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12.**
Tibgħatx flus bil-posta, imma ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 29 bolla tas-7ċ (jekk self-adhesive tant aħjar!).

**Tqattax il-magażin - agħmel kopja!**

# Fejn taqbad tmur...




# ...biex tara għasfur?

Dal-ktieb jgħidlek fejn! Ktieb ġdid tal-BirdLife, li jispjegalek l-aħjar postijiet fil-Gżejjer Maltin għall-berdwoċing u għal ħafna natura oħra Maltija, bħal rettili, insetti u pjanti. Fih mapep, tpinġijiet eċċ. Prezz: Lm2 biss!

**Biex tirċievih bil-posta ċempel lil BirdLife fuq 21347646** (Tnejn sal-Ġimgħa 9am-1pm)